MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 566/2001/1

**Maria Xuereb u ulieda Anne Xuereb, Mary Xuereb, Josephine Xuereb, Charles Xuereb u Helen Mercieca**

**vs**

**TBS Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Lulju, 2002 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:

1. Thallas lill-atturi s-somma ta’ disa mija u disghin Lira Maltin (LM990.00,0), rapprezentanti valur ta’ hsarat u danni kagunati fil-proprjeta’ tal-atturi 33, Psaila Street, B’Kara per konsegwenza tal-agir negligenti grass adoperat mis-socjeta’ konvenuta fix-xogholijiet esekwiti fil-fond taghha 35/37 Psaila Street, B’Kara;

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficcjali datata 18 ta’ Settembru tas-sena 2000 u ta’ mandat ta’ qbid prezentat fit-8 ta’ Gunju tas-sena 2001 u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficcjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-5 ta’ Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. It-talbiet tal-atturi huma tant ezagerati minhabba l-fatt li x-xoghol rimedjali kien ta’ valur ferm u ferm inqas;

2. Illi l-esponenti offra kemm il-darba illi jirranga ghas-spejjes tieghu x-xogholijiet fejn allegatament kien hemm il-hsara liema xogholijiet l-atturi ma ridux lill-konvenut isewwi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta’ konvenuta;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fid-19 ta’ Settembru ta’ l-1996 il-fond adjacenti ghal dak ta’ l-atturi proprjeta’ tas-socjeta’

konvenuta inhakem minn nar u ikkaguna wkoll hsarat fl-istess abitazzjoni ta’ l-atturi;

2. Illi fil-perjodu ta’ bejn Novembru u Dicembru ta’ l-1999 l-atturi gew ordnati mill-Pulizija biex johorgu mill-proprjeta’ taghhom meritu ta’ dan il-kaz peress li mill-istess fond adjacenti proprjeta’ tas-socjeta’ konvenuta kien qed jaqghu xi gebel li kienu ghalhekk qed jipperikolaw hajjet l-atturi;

3. Illi gew periti ghan-nom ta’ l-assiguraturi tas-socjeta’ konvenuta biex jikkonstataw id-danni kkagunati u anke inghataw struzzjonijiet biex id-danni jigu ripristinati;

4. Illi meta haddiema tas-socjeta’ konvenuta kienu qed ikomplu x-xoghol strutturali involut jirrizulta li kkollassa hajt komuni gholi zewg sulari u ikkaguna dizastru shieh fil-fond proprjeta’ ta’ l-atturi;

5. Illi l-istima tal-hsarat ikkagunati mill-kroll ta’ dan il-hajt divizorju bejn il-proprjeta’ tal-kontendenti tammonta ghal disa’ mija u erbghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM940.75,0);

6. Illi s-socjeta’ assigurattrici tas-socjeta’ konvenuta informat formalment lill-atturi li kienet ser taghmel tajjeb ghall-hsarat ikkagunati ghalkemm is-socjeta’ konvenuta kellha biss thallas xi ammonti dovuti lill-istess socjeta’ assigurattrici qabel ikun jista’ jigi effettwat il-pagament;

7. Illi s-socjeta’ konvenuta qatt ma effettwat dan il-pagament lis-socjeta’ assigurattrici taghha u ghalhekk l-atturi baqghu mhux risarciti;

8. Illi rizultat ta’ dan il-kroll, l-atturi kienu spiccaw f’sitwazzjoni tassew prekarja;

Ikkonsidrat:

Illi din il-qorti hi sodisfatta li d-danni ikkagunati lill-atturi gew ikkagunati lilhom mis-socjeta’ konvenuta;

Illi l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mill-istess atturi huwa dak indikat fl-avviz odjern stante li l-ispejjez indikati fl-istima huma limitati biss ghal dawk koncernanti ir-ripristin tal-hajt in dizamina;

Ghaldaqsant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta TBS Services Limited biex thallas l-ammont ta' disa' mija u disghin Lira Maltin, (LM990.00,0), lill-atturi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficcjali tat-18 ta' Settembru tas-sena 2000."

L-obbjezzjonijiet proposti mis-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-sentenza minnha appellata jikkonsistu fis-segwenti:-

(i) L-ewwel Qorti zbaljat fil-konkluzjoni taghha dwar il-kwantum tad-danni likwidati. F'dan il-kuntest tissottometti illi l-Qorti ma messiex skartat ix-xiehda tal-arkitett taghha AIC Ronald Muscat Azzopardi;
(ii) Tikkontendi wkoll illi l-ewwel Qorti ma tatx debitu rigward ghall-fatt illi gjaladarba kien jikkompeti lill-atturi li jimminimizzaw l-ispejjez dawn ma kellhomx dritt jirrifjutaw jew ma jaccettawx illi huma jithallew jaghmlu r-riparazzjonijiet mehtiega.

L-atturi wiegbu ghal dawn l-obbjezzjonijiet billi affermaw dan li gej:-

(a) L-Arkitett Ronald Muscat Azzopardi huwa xhud 'ex parte', l-ammont indikat minnu jikkonsisti biss fi stima u dippju din l-istima tikkoncerna r-rikostruzzjoni tal-hajt u mhux ukoll il-valur shih kumplessiv ghall-hsarat kagjonati bit-tigrif ta' l-istess hajt, kif hekk intalab minnhom.
(b) Huma jsostnu illi tant huma konxji tal-obbligi taghhom talli t-talba taghhom hi limitata ghall-hlas tal-ammont tad-danni kif stabbilit mill-assikurazzjoni tal-istess socjeta` konvenuta. Jikkontendu, fuq kollox, illi mhiex veritiera l-allegazzjoni illi s-socjeta` konvenuta baghtet haddiema biex jezegwixxu x-xoghlijiet rimedjali li kienu

jokkorru. Allegazzjoni bhal din, isostnu, mhiex sorretta mill-provi.

Huwa evidenti qabel xejn illi l-kwestjoni tal-htija mhiex in diskussjoni f'din il-kawza, u lanqas fl-aggravji ta' l-appell interpost, billi din tidher ammessa mis-socjeta` appellanti. F'dan jidher li s-socjeta` konvenuta appellanti hi konxja tal-fatt, ankorke d-dannu gie kawzat mill-kuntrattur taghha u l-impjegati ta' dan, illi "non puo` un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri" ("**Borg –vs- Falzon**" riportata a **Vol III pagna 16**). Logikament ghalhekk hija illimitat l-aggravji taghha dwar il-quantum tad-danni pretizi.

Fuq dan l-aspett tal-kwantitattiv tad-danni l-provi processwali jipprovdu dan il-kwadru:-

(i) Dok AX9 (fol 26) u Dok AX10 (fol 27) jikkontjenu stejjem tar-riparazzjonijiet mehtiega fil-bini, sigar u xi hwejjeg mobili. L-ammonti attribwiti huma Lm650.95 u Lm289.80 li komplessivament jittotalizzaw is-somma ta' disa' mija disa u tletin lira Maltija u tmenin centezmu (<u>Lm939.80</u>). Jirrizulta li dawn il-valutazzjonijiet gew preparati mill-Arkitett Godwin Borg, li ukoll irrediga r-rapport dwar il-hsarat riskontrati (fol 38). Ara deposizzjoni tieghu a fol 40.
(ii) L-istima tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi (fol 72) inkarigat mis-socjeta` appellanti, invece, turi ammont ta' hames mitt lira Maltija wiehed u tmenin centezmu (Lm500.81);
(iii) Fl-atti nsibu wkoll stima tas-socjeta` assiguratrici Millenium Insurance Agency Limited (fol 28) ammontanti ghal tmien mija tlieta u hamsin lira Maltija u hdax il-centezmu (Lm 853.11,0).

Konfrontati flimkien dawn il-valutazzjonijiet, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) L-istejjem taz-zewg periti, skarni mill-VAT u Architect's Fee, rigwardanti l-hsarat strutturali huma pressapoco identici. Il-figura raggunta mill-Arkitett

Godwin Borg hi Lm534.00,0 mentri dik tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi hi Lm500.81,0. F'dan il-kuntest allura l-ewwel aggravju ma jistax jitqies tenibbli.
(2) Jidher li l-ahhar imsemmi arkitett, inkarigat kif inghad mis-socjeta` appellanti, illimita ruhu biss ghal kostatazzjoni tal-hsarat fil-bini u mhux ukoll ghall-verifiki ta' "damaged contents", kif hekk invece sar mill-perit l-iehor imqabbad mill-atturi appellati.
(3) Fuq kollox il-Qorti tinnota illi kif dikjarat mill-istess atturi appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom huma kienu qablu u fil-fatt accettaw l-istima ta' l-assikurazzjoni tal-istess socjeta` konvenuta. Dan hu hekk ovvju billi sahansitra l-ittra ufficcjali taghhom tat-18 ta' Settembru 2000 (kopja taghha esebita a fol 31) hi indirizzata fis-sens ta' dik l-istima. Ghalhekk ma jinftiehemx kif huma finalment talbu s-somma ta' disa' mija u disghin lira Maltija (Lm990) li del resto ma tirrizultax sopportata mill-ebda dokument. Il-Qorti mbaghad aktar ma tistax tifhem kif quddiem dawn ir-rizultanzi l-ewwel Qorti ghogobha tilqa' u tadotta dan l-ammont ghas-semplici fatt li hekk kien jirrizultalha mill-Avviz promotur. Jigi mill-gdid ribadit illi dan l-ammont ma jiffigura imkien mill-atti u dippju lanqas ma jirrispekkja l-veru ammont li l-atturi appellanti kienu akkonsentaw li jircievu.

Is-socjeta` appellanti tillanja wkoll illi huma minn dejjem kienu pronti biex isewwu izda ma thallewx jaghmlu dan mill-atturi appellati. Ara xiehda ta' Thomas Busuttil (fol 53) u ta' Richard Busuttil (fol 55). Dan tal-ahhar stqarr ukoll illi anke l-kuntrattur tieghu ipprova jaghmel dan izda ma thalliex mill-atturi.

Il-Qorti ssibha difficli li taccetta din ix-xiehda. Dan in raguni ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(i) Fl-ewwel lok tosserva li l-kuntrattur ma giex prodott biex jikkorobora din l-istqarrija;
(ii) Nonostante li kellem lill-atturi, l-Perit Muscat Azzopardi ma nformahom bl-ebda proposta tal-klijenti tieghu. Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol 69.

Meta l-fatti l-ohra attendibbli jigu imbaghad imwiezna obbjettivament wiehed isib illi dan l-ilment tas-socjeta` attrici, kif espress fir-rikors ta' l-appell ma jistax jinghata debitu piz. Dan anke ghal ragunijiet ohra. Inter alia, l-preokkupazzjoni manifestata tal-atturi qabel ma nbdew ix-xoghlijiet ta' demolizzjoni, il-fatt li kienu diga migdumin mill-effetti ta' avveniment iehor antecedenti li fih il-fond taghhom sofra hsara f'incendju mill-istess fond tal-appellanti u kellhom ibatu u jaghmlu tajjeb huma ghall-ispejjes tar-riparazzjoni u manutenzjoni.

F'sitwazzjoni bhal din kif tghid l-idjoma "l-kelb il-mismut kull ilma jahsbu mishun". U allura kieku stess irreagew bil-mod kif rakkontat mix-xiehda tas-socjeta` konvenuta ma taghtihomx tort illi jezitaw xi ftit ghall-proposta gejja minghand min b'inkurja ma hax hsieb fl-ewwel lok u fuq kollox jiehu l-mizuri u l-prekawzjonijiet necessarji biex jipprotegi lill-fond taghhom.

Issa hu veru li d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara u jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza ta' l-att illecitu ta' min ikkaguna l-hsara (**Vol XXXVIII pI p249**; **Vol XL pI p653**). Il-kwestjoni ta' x'inhu ragjonevoli li jaghmel id-danneggjat biex itaffi l-hsara hi, pero`, kwestjoni ta' fatt li trid tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta' kull kaz partikolari. L-oneru tal-prova f'dan ir-rigward specifiku jaqa' fuq il-konvenut.

Inoltre, irid jigi sottolinejat ukoll illi ma tezisti l-ebda regola daqstant assoluta jew inflessibbli illi biex il-kondotta tad-danneggjat titqies ragjonevoli dan ghandu bilfors u dejjem jikkonsentixxi jew jippermetti lid-danneggjant isewwielu d-danni, inkella, jekk ma jaghmilx dan, jitlef id-dritt tieghu ghar-rizarciment tal-istess danni.

Jibqa' fuq kollox il-principju generali regolanti materji ta' rizarciment ta' danni, bhal prezenti, li d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrientegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz. Li jfisser li dan l-istess rizarciment jista' jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitjiet mitlufa. F'dan il-kaz il-Qorti thoss li dan ir-rizarciment ghandu jkun

konfigurabbli fis-somma iffissata mill-assikurazzjoni tas-socjeta` konvenuta billi, kif fuq manifest, hi din is-somma li l-istess atturi appellati kienu accettaw li jircievu u li dwarha interpellaw ufficjalment lis-socjeta` konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti filwaqt li tirrespingi l-aggravji u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn applikabbli fl-istess hin qed timmodifika l-ammont ta' danni likwidati billi tirreduci s-somma li ghandha tithallas ghal tmien mija tlieta u hamsin lira Maltija, u hdax il-centezmu (Lm853.11,0), bl-interessi mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Settembru 2000.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------